# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija
[Spettur Kylie Borg]
[Spettur Roderick Attard]

vs

-Omissis-

Kumpilazzjoni Numru: 625/21

Illum, 15 ta' Settembru, 2022

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra **-Omissis-** detentur tal-karta tal-identita` numru -omissis- u permess ta' residenza Maltija bin-numru -omissis- gie akkuzat talli gewwa l-Marsa nhar it-22 ta' Awwissu 2021, bejn il-17:00 u it-20:00 ta' filghaxija.

1. Issoggetta lil persuna ohra u cioe' -Omissis- minuri ta' inqas min hmistax-il sena u vulnerabbli, ghal xi att u, jew imgieba

li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, mossi u, jew ghemil, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktub, stampi u, jew xi materjal iehor, fejn dak l-att, kliem, u jew imgieba m'humiex mixtieqa minn -Omissis-, u jkunu jistghu ragonevolment jigu ikkunsidrati, bhala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha;

2. U aktar talli fl-istess jum, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis, kollha jew bicca minnha.

Rat id-dokumenti.

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati u cioe' 251A(e) u 251H(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Innutat li fis-Seduta tal-lum l-imputat -Omissis-ddikjara li huwa hati tal-ewwel akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat -Omissis- bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li huwa hati tal-ewwel akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni tal-ewwel (1) akkuza qed issib lill-istess imputat -Omissis- hati tal-ewwel (1) akkuza kif dedotta kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2), filwaqt li tilliberah mit-tieni (2) akkuza stante li m’ghadhiex reat.

Inoltre l-Qorti tikkundannah ghall-ispejjez peritali naxxenti minn dawn il-proceduri li jammontaw ghal erbgha u hamsin ewro u hamsa u sittin centezmu (€54.65).

Il-Qorti qed taghti lill-imputat -Omissis- l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

---------------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**